**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 236 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Anthony Mallia**

Illum, 2 ta' Marzu, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Anthony Mallia detentur tal-karta ta' l-identita 113275 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fis-7 ta' Jannar, 2020, ghall-habta ta' 23.30pm gewwa l-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala:

1. Ikkaguna griehi li jitqiesu li huma hfief, izda li l-effet ikkunsidrat sewwa ghal dak li hu l-gisem ta' Joseph Portelli kemm moralment ikun t' importanza zghira.
2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn 250 Euro izda anqas minn 2500.
3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu taht kontroll il-vettura DBT 501 wara li kkunsma tant Alcahol illi l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond it-termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 t' Ottubru, 2020, fejn il-Qorti fuq nuqqas ta' provi ma sabitx lill-imputat Anthony Mallia hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghalhekk illiberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata fejn **tikkonferma** dik il-parti fejn ma nstabx hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u **thassar** dik il-parti fejn ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni u ssibu hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konront tieghu skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponent mhix qed tappella fir-rigward fejn ma nstabitx htija tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat imma fir-rigward ta' fejn ma nstabitx htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li l-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni kien l-affidavit ta' **PS 31 Mario Farrugia** fejn hu jindika li fil-vettura in kwistjoni DBT 501 kien hemm zewg persuni certu Anthony Mallia u cioe l-imputat u Jason Demicoli li t-tnejn li huma kellhom riha qawwija ta' xorb fuqhom izda l-imputat biss ittiehdet jaghmel it-test tal-breathalyzer, u ghalhekk waqt is-seduta ma saritx il-prova tal-identita' li kien effettivament l-imputat li kien qed isuq il-vettura u mhux il-persuna l-ohra li kienet fil-vettura mieghu, gialadarba instabu zewg persuni fil-vettura in kwistjoni li kellhom riha t'alkohol. Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghalhekk illiberatu minn kull htija u piena.

Illi l-aggravvju fir-rigward hu marbut mal-fatt li l-imputat gie illiberat mit-tielet akkuza dedotta fil-konfront tieghu a bazi ta' nuqqas ta' provi.

Illi esebit in atti wiehed isib l-affidavit ta' **PS 31 Mario Farrugia.** F' dan ir-rigward, ghandha ssir referenza ghall-artikolu 360A tal-Kodici Kriminali:

***360A. (1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:***

*Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma "dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558(2):*

*Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro eżami għandha titħarrek biex tixhed fisseduta li jkun imiss.*

***(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.***

Illi l-affidavit ta' **PS 31 Mario Farrugia** hu ghalhekk prova b' xiehda tal-kontenut tieghu fejn fl-imsemmi affidavit jaghti stampa cara tal-kaz odjern fejn jishaq li nhar is-7 ta' Jannar, 2020 ghall-habta ta' 23:30hrs, il-Pulizija gew infurmati li gewwa l-bajja ta' San Tumas kien hemm xi nies qed ikissru caravan, u x'hin il-Pulizija kienu hemm,

hareg persuna jghajjat ghall-ghajjut b'xi demm fuqu jghid li kienu daruh tnejn min-nies. Dak il-hin giet innutata vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBT501 fejn il-vittma ikkonferma li fiha kien hemm iz-zewg persuni li aggredewh. Fil-fatt it-tnejn kellhom idejhom imcappsa bid-demm. Meta dawn gew imwaqqfa, gie innutat li t-tnejn li huma kellhom riha qawwija ta' xorb fuqhom. PS31 Mario Farrugia fl-affidavit tieghu jishaq li l-vettura DBT501 kienet **qieghdha tigi misjuqa**[1] minn Anthony Mallia u fuq is-seat ta' quddiem tal-passiggier kiem hemm Jason Demicoli. Anthony u Jason ittiehdu l-ghassa, gew infurmati li qed jinzammu taht arrest kif ukoll bid-drittijiet taghhom. Anthony Mallia kien ukoll infurmat li ser isirlu t-test tal-breathalyser peress li kien hemm suspett ragonevoli li dan kien qed isuq fi stat ta' sakra. Anthony Mallia rrifjuta li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu u ghazel li jaghmel t-test tan-nifs li rrizulta fil-pozittiv b' rizultat ta' 074.9ug/100ml.

Illi b' hekk l-istess PS 31 Mario Farrugia li hu l-Pulizija li ghamel l-affidavit, qal li kemm Anthony Mallia u kemm Jason Demicoli kellhom riha ta' xorb, ra li l-vettura DBT 501 kienet qed tigi misjuqa minn Anthony Mallia u li Jason Demicoli kien fis-seat tal-passigier. Stqarr li Anthony Mallia kien infurmat illi ser isirlu t-test tal-breathalyser peress li kien hemm suspett ragonevoli li dak li kien qieghed isuq kien fi stat ta' sakra. Ghamel it-test tan-nifs liema test irrizulta fil-pozittiv b' rizultat ta' 074.9ug/100ml u filfatt a fol. 4 wiehed isib r-rizultat tal-breathalyzer test li jindika lil Anthony Mallia (ID 113275M) liema dokument hu wkoll ffirmat minn PS31 Mario Farrugia. B' hekk PS31 Mario Farrugia kien prezenti waqt il-process tal-investigazzjoni kollha u cioe ra lill-imputat fil-karozza DBT 501 bhala *driver* u xammlu riha ta' xorb u anke ghamillu test tal-breathalyser li gie b' rizultat gholi u skont l-istess affidavit, l-istess Anthony Mallia kien infurmat li ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu u filfatt gie akkuzat b' tali akkuzi.

Illi ghalhekk hu car li l-persuna li kien qed isuq il-karozza DBT501 kien Anthony Mallia u li l-istess Anthony Mallia li kien qed isuq il-karozza instab li kien qed isuq fi stat ta' sakra.

Illi ghalhekk l-affidavit ta' PS 31 kien prova bizzejjed biex l-appellat jinstab hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, liema prova ma gietx ikkontestata u/jew kontradetta mill-appellat.

[1] Enfasi tal-Qorti

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell b'mod patikolari lill-avukat difensur tal-appellant jghid li hadd ma ra lill-appellant isuq u lanqas ma PC 31 Farrugia jghid fl-affidavit tieghu li kien u hu li waqqaf lill-appellant waqt li kien qed isuq. Min naha l-ohra l-Avukat Generali ighid li mill-affidavit rilaxxjat min PC 31 Farrugia jirrizulta bic-car li kien hu li waqqaf lill-appellant waqt li kien qed isuq u jghid li minnufih induna li kellu riha ta' xorb qawwija u kien ghalhekk li talbu sabiex jghamel il-breathylser test u jekk ridx l-assitenza ta' avukat.

Ikkunsidrat.

Illi ghalhekk jidher li minkejja li bhala provi hemm biss l-affidavit ta' PS 31 Farrugia iz-zewg partijiet jinterpretaw dan l-affidavit b'mod oppost. Jidher li minkejja li hemm affidavit wiehed fl-atti li jirrefletti dak li kien gara dak in-nhar tal-allegat reat minn dak li argumentaw il-partijiet quddiemha donnu hemm lok ghal zewg interpretazzjonijiet fejn wahda minnhom hija zbaljata zgur.

Illi l-Avukat Generali fl-appell tieghu jghid li qed jaqbel ma l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel u tat-tieni akkuza izda ma jaqbilx ma l-ewwel Qorti fir-rigward tal-liberazzjoni tat-tielet akkuza ghaliex fil-fehma tieghu din it-tielet akkuza  kellha tirrizulta bic-car.

Ikkunsidrat.

Illi sabiex din il-Qorti tara jekk in effetti l-ewwel Qorti ghamltix apprezzament hazin tal-fatti prodotti trid tkun hi stess li terga tezamina mill-gdid il-provi imresqa quddiem l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti taqbel ma dak sollevat fir-rikors tal-appell tal- Avukat Generali li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kienu limitati ghall-prezentata tal-affiavit ta' PS 31 Mario Farrrugia.

Dan spjega b'referenza ghat-tielet akkuza li  nhar is-7 ta' Jannar, 2020 ghall-habta tal-11.30pm il-pulizija giet infurmata illi gewwa l-Bajja ta' San Tumas, Mscala kien hemm xi nies illi qedin ikissru caravan. Waqt li kienu hemm hareg ragel jghajjat l-ghajjut u kien mimli demm fejn stqar li kien hemm zewg min nies li kienu daru ghalih. Qal li wiehed minn dawn iz-zewg min nies kien jismu Jason u fil-fatt kien ghamillu xi xoghol.  Dan ir-ragel Jospeh Portelli spjega kif dawn iz-zewgt irgiel

qabdu jghatuh u jghamlu hsara fil-caravan u karozza tieghu. Fuq il--post giet imsejha l-ambulanza.

Dak il-hin PS 31 jghid giet innutata vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBT 501 li kienet qeda tinstaq fl-istess akwata fejn Joseph ikkonferma ili f'dik il-vettura kien hemm il-persuni illi aggredewh. Il-pulizija waqfet din l-imsemmija vettura u go fiha kien hemm zewgt irgiel. Gie innutat li l-persuna li kienet qed issuq kienet libsa *hoody* griza li kienet imcapsa bid-demm. Iz-zewgt persuni ukoll kellhom idejhom imcapsa bid-demm. Jinghad ukoll li meta gew imwaqfa dawn iz-zewgt irgiel it- tnejn kellhom riha ta' xorb fuqhom. *Ex admisses* jghid li '**l-vettura DBT 501 kienet qed tigi misjuqa minn Anthony Mallia**[2] u hdejh fuq is-seat tal passigier kien hemm dan Jason.

Ikompli jispejga illi Anthony u Jason gew akkompanjati l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar fejn gew infurmati li kienu qed jinzammu taht arrest. Anthony Mallia gie infurmat li kien ser isirlu l-breathilyser peress li kien hemm suspett ragonevoli li kien qed issuq taht l-influwenza tax-xorb u li kien fi stat ta' sokor. Anthony Mallia irrifjuta illi jikkonsulta ma l-avukat tal-fiducja tieghu u ghazel li jghamel it-test tan-nifs li rrizulta fil-posittiv b'rizultat ta' 74.9 mg/100ml

Il-Qorti rat il-breathilyser Test Record esebit fl-atti a fol 4 fejn hemm l-firma ta PS 31 Mario Farrugia u dik tal-appellant li fiha hemm indikat li l-*alcohol content* kien ta 74.9mg/100ml u dan fl-ebda hin ma gie kontestat.

Ikkunsidrat,

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal

---

[2] Enfasi tal-Qorti

ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[3] [12.5.94; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[4] [14.2.1989]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5] [31.5.1991]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6] [31.5.1991] u **ohrajn .)**

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[7] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed[8]."*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[9], deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta'Mejju 1991
[7] 1969 1 QB 276
[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994

*tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet din il-Qorti tal-provi migjuba, jirrizulta li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 2020 ikkonkludiet li fil-vettura li giet imwaqfa numru ta' registrazzjoni DBT 501 kien henm zewg persuni u li t-tnejn kellhom riha ta' xorb pero tghid ukoll li kien l-akkuzat appellant biss li ittiehed jghamel test tal breathylser u waqt is-seduta ma saritx l-prova tal-identita li kien effettivament l-imputat li kien qed isuq u mhux il-persuna l-ohra li kienet fil-vettura mieghu u kien a bazi ta' din il-konsiderazzjoni li illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' sewqan taht l-effett ta' alkohol .

Illi pero mill-provi prodoti jirrizulta u dan hu importanti li jigi sottolinejat li PS 31 Mario Farrugia fl-afidavit tieghu jghid li kien Anthony Mallia li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni DBT501 u li kien hu li waqqaf il-vettura. Illi jinghad ukoll li fl-affidavit tieghu huwa jghati l-partikolaritajiet ta' dan AnthonyMallia billi jindika n-numru tal-karta ta' identita tieghu u cioe 113275M. Issa jirrizulta mill-analizi tac-*charge sheet* mahruga minn Ispettur Charlotte Curmi li l-appellant gie identifikat bil-karta ta' dientita numru 113275(M) u ghalhekk ma hemmx lok kif mistqarr mill-ewwel Qorti li ssir identifikazzjoni tal-appellant odjern jekk in realta kienx l-istes Anthony Mallia li gie imwaqqaf min PS 31 Farrugia ghaliex fil-fehma taghha dan hu ovvju stante li fl-ebda hin ma gie kontestat l-karta ta' identita tieghu. Jinghad ukoll fis-sentenza tal-ewwel Qorti kif ukoll mill-avukat difensur fit-trattazzjoni orali li ma jirrizultax minn miz-zewg persuni li kienu fil-vettura kien

qed isuq. Dan l-argument pero hu fallaci ghaliex PS 31 Mario Farrugia li kien waqqaf il-vettura ighid b'mod car u explicitu li kien Anthony Mallia li kien qed isuq.

Ma jidhrix li hu dubitat li fil-fatt nhar is-7 ta' Jannar, 2020 fil-fatt Anthony Mallia li kien qed isuq il-vettura DBT 501 kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb u dan ghaliex mir-risultat tal-breathyliser test mehud minghand Anthony Mallia ftit mumenti wara li gie imwaqqaf milli jkompli isuq dan kellu qari ta' 79.4mg/100ml . Ghalhekk l-Avukat Generali kellu ragun jintavola dan l-appell u dan ghaliex a bazi tal-provi prodotti din il-Qorti ma tistax tasal ghall-istess konkuzjoni raggunta mill-ewwel Qorti .

Din il-Qorti ghalhekk qeda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u qeda tikkonerma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikajrat li ma kienitx qed issib lill-appellant hati ta l-ewwel u it-tieni akkuza u konsegwentement illiberatu minnhom izda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fir-rigward tat-tielet akkuza minn liema akkuza ukoll ma kienx instab hati u kien illiberat billi minflok wara li rat l-Artikolu 15A(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah sabeix ihallas multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800). Il-Qorti qeda ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tawtorizza li l-hlas ta' din il-mutla issir permezz ta' pagamenti konsekuttivi u mensili fl-ammont ta' mitt Euro (€100) u f'kaz ta' inadempjenza ta' pagament wiehed ir-rimanenti multa tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Oltre dan tordna ai termini tal-Artikolu 15H (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghall-perijdou ta' sitt xhur m' illum.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tat-Transport Malta sabiex jiehu hsieb jigbor il-licenjza tal-appellant

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur